DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tas-16 ta' Ottubru 2013

li taħtar imħallef fil-Qorti Ġenerali

(2013/509/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' tlettax-il imħallef fil-Qorti Ġenerali skadew fil-31 ta' Awwissu 2013. Jeħtieġ isir il-proċess tal-ħatriet ġodda tagħhom għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2019.

(2) Is-Sinjura Irena PELIKÁNOVÁ ġiet innominata bil-ħsieb ta' tiġdid bħala mħallef fil-Qorti Ġenerali.

(3) Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sinjura Irena PELIKÁNOVÁ għall-funzjoni ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Irena PELIKÁNOVÁ hija b'dan maħtura mħallef fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2013.

Il-President

R. KAROBLIS